**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 46

**27 ta' Settembru 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

## Minuti

## 46.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

46.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal- Vici Sindku li ma settatx tattendi ghal-laqgha minhabba raguni ta' xoghol.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

46.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

## 46.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

46.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

46.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li huwa jinsab idizzappuntat li nharget informazzjoni mhux korretta fuq id-dikusjoni li saret fuq il-progett tal-*islow streets* fi Triq Principessa Margerita. Huwa qal li xi residenti avvicinawh u esprimu r-rabja taghhom minhabba li l-kunsill kollu minbarra l-Kunsillier Eugenio Muscat qabel li jsir dan il-progett filwaqt li l-Kunsill iddecieda li jaghmlu ricerka x'wiehed jista jaghmel dejjem biex issir bidla ghal ahjar. Huwa fakkar ukoll li kien hemm ftehim li wara li ssir din ir-ricerka u l-Kunsill ikun qed jaqbel ma dan il-progett ghandna naghmlu laqgha informattiva mar-residenti biex niehdu ukoll il-feedback taghhom.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qablet mas-Sindku minhabba li ghad m'hemmx qbil fuq dan il-progett izda l-qbil li hemm li naghmlu ricerki fuqu. Hija qalet li wara jsiru r-ricerki kollha u jkun hemm qbil bejnietna li jsir dan il-progett ghandna dmir li nitkelmu mar-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 46.5 *Tender – Upkeep and Maintenance Services of Parks and Soft Areas;*

46.5.1 Is-Sindku qal li dan it-*tender* wasal biex jaghlaq u fil-fehma tieghu li dan l-ahhar 3 snin ma

kinx sodisfat biex xoghol li kien qed jaghmel. Ghaldaqstant jixtieq li ghandna nahsbu fuq alternattivi ohra u naraw x'wiehed jista jaghmel biex kemm jistajkun nzommu Ta' Xbiex *up to date*. Is-Sindku qal li l-alternattivi li qed jara huwa li jew nergu nohorgu *tender* jew nkella nistghu nippruvaw billi nimpjegaw gardinar mal-Kunsill u nixtru jew nikru l-ghodda necessarja.

Il-Kunsill qabel unanimament li nippruvaw naraw kemm tiswina hekk nimpjegaw gardinar, It-tisqija u l-ingenji u l-ispejjez tal-fjuri u pjanti.

Is-Sindku ssuggerrixxa li nikru l-ingenji biex ahna ma nkunux responsabli ghal hsarat li jista jinqala.

Il-Kunsillier Ronnie Portelli ssuggerrixxa li nipruvaw nsibu ftehim ma kumpanija li nhalsu l-haddiema ahna izda jiprovdielna l-ingenji.

## 46.6 Cir AKL 2022/087 Progett - 30 Anniversarju Gvern Lokali

46.6.1 Is-Sindku Max Zammit infurma lill-Kunsill li rcevejna emejl minghand l-AKL fejn infurmawna li se jaghmlu progett biex jiccellebraw it-30 Anniversarju fil-Gvern Lokali. Huwa qal li jixtiequ li l-Kunsill nindikawlhom dik ix-xi ħaga li hija sinonima jew tirrapreżenta l-lokal tagħna. Is-Sindku ssuggerrixxa li ghandna nirrisponduwhom billi ninfurmawhom li ahna l-aktar li ahna maghrufin ghalieha hija l-bahar u l-yacht marina u l-isport tal-yacthing, filwaqt li l-ambaxxati u l-multikulturaliżmu marbut maghhom jaghmluha lokalità unika.

Il- Kunsill qabel unanimament.

## 46.7 Fondi - Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2023) (*LESA FUNDS*);

46.7.1 Is-Sindku qal li rcevejna emejl fejn qed jinfurmawna li l-*Lesa* ghandhom €80,000 fondi fejn nistghu napplikaw ghal xi progett li l-Kunsill jixtieq japplika. Huwa qal li fl-ahhar laqgha konna ddiskutejna diversi progetti differenti u ghal din l-iskema facli wiehed jista japplika ghal *automated bollards*.

Il-Kunsill qabel unaniment.

## 46.8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

46.8.1 Ma kinx hemm.

## 46.9 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

46.9.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat fakkar li rridu nbidlu d-dwal ta' fuq il-belvedere b'kulur roza biex nappogjaw il-Breast Cancer Awarness, bhal ma naghmlu kull sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-kuntrattur kien diga ikkuntatjat biex jbiddel dawn

il-bozzoz ghax xahar t'Ottubru.

Il-Kunsillier Ronnie Portelli zied jghid u mieghu kompla s-Sindku li din is-sena ghandna ukoll nikkunsidraw li f' Novembru ghandna nbidlu l-istess dawl ghal kulur vjola biex noholqu awarness kontra l-benesseri mentali u fiziku tal-irgiel.

Il-Kunsill qabel.

**46.10 Rapporti mill-Kunsilliera;**

46.10.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-funtana ta' Triq Principessa Margerita mhux tixeghel. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota biex tigi rrapurtata.

**46.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Gimgha 21 t'Ottubru, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2022.

**IFFIRMATA**

__________________

**Max Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

__________________

**Yasmine Tonna**
**Segretarju Ezekuttiv**